## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 t' Ottubru, 2018**

**Talba Nru: 139/2016 PM1**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Ronald Hadcroft**

**Vs**

**Kunsill Lokali Birgu**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 t'April, 2016 illi l-Kunsill Lokali intimat ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija tlieta u sebghin euro u sittax-il centezmu (€973.16) rapprezentanti d-danni kollha sofferti minn Philip Ronald Hadcroft, assikurat mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha bhala rizultat ta' incident li sehh fi Triq San Edwardu, il-Birgu, fit-13 t'Ottubru, 2014 meta waqt li l-assikurat tas-socjeta` attrici ipparkja l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PRH888, proprjeta` tieghu, fl-imsemmija triq, waqghet sigra ghal fuq l-imsemmija vettura li

konsegwentement garrbet id-danni, liema sigra kienet taqa’ taht il-kontroll u r-responsabbilta` tal-Kunsill Lokali intimat. Ghaldaqstant l-istess Kunsill Lokali intimat kien unikament responsabbli ghall-imsemmi incident u ghal konsegwenzjali danni bhala rizultat ta’ negligenza, traskuragni u imperizja; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Jannar, 2016 u bl-imghax legali b’effett mit-18 ta’ Jannar, 2016 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-avviz tat-talba ossija r-rapport imhejji mill-Pulizija fir-rigward tal-incident mertu tal-kawza odjerna (Dok. ‘A’ a fol. 4 et. seq. tal-process).

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali intimat fejn, permezz tal-istess eccepixxa:

1. Illi preliminarjament dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza *ratione materiae* sabiex jisma’ din il-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-Kunsill *de quo* fl-ebda mument ma’ kien negligenti jew traskurat.
3. Illi l-incident mertu tal-kawza huwa kaz fortwit.
4. Salv eccezzjonijit ulterjuri.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici datata 13 ta’ Gunju, 2016 permezz ta’ liema gew ezebiti is-*survey report* u r-ricevuti relattivi ghall-hsara sofferta mill-vettura assikurata mis-socjeta` attrici (fol. 14 et. seq. tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ George Stagno Navarra, Johanna Triganza, Philip Ronald Hadcroft, Claudia Stafrace, Annemarie Attard u WPS155 Rita Abela waqt is-seduta tat-12 t’Ottubru, 2016 (fol. 40 et. seq. tal-process).

Sema’ x-xhieda ta’ Vincent Caruana waqt is-seduta tal-21 ta’ Novembru, 2016 (fol. 65 et. seq. tal-process).

Ra li permezz ta’ rikors datat 6 ta’ Dicembru, 2016 il-Kunsill Lokali intimat talab li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, dan it-Tribunal jawtorizza l-kjamat fil-kawza ta’ Environmental Landscapes Consortium Limited u li, b’digriet datat 25 ta’ Jannar, 2017

dan l-istess Tribunal cahad it-talba ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Sema'x-xhieda ta' Lara Mascena moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Gunju, 2017 (fol. 88 et. seq.).

Sema' x-xhieda ta' John Boxall moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2017 (fol. 91 et. seq.) u wkoll waqt is-seduta tas-27 ta' Frar, 2018 (fol. 105 et. seq. tal-process).

Ra li waqt is-seduta tas-6 ta' Lulju, 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakulta` tal-partijiet li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub entro t-termini moghtija.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-kaz odjern jirrigwardja incident li sehh meta fergha ta' sigra pjuttost imdaqqsa waqghet fuq vettura parkeggjata fi Triq San Edwardu, Birgu.

Fl-ewwel lok jehtieg illi, b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni preliminari imressqa mill-Kunsill intimat, jigi determinat jekk it-Tribunal odjern huwiex munit bil-kompetenza *ratione materiae* sabiex jiddeciedi dan il-kaz. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni gustament citata mis-socjeta` attrici permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha fl-ismijiet **Elmo Insurance Limited v. Kunsill Lokali tal-Gzira** u deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-27 t'Ottubru, 2015 fejn gie deciz li :

> « *It-Titlu ta' regolament 1.2 ta' Skeda numru 4 hu Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur u mhux Tilwimiet dwar Vetturi bil-Mutur. Ghal din il-qorti minn dan it-titlu hu car li l-procedura ta' arbitragg mandatorju ma japplikax f'kull kaz ta' hsara involontarja fejn tkun involuta*

*vettura. Li kieku l-legislatur kellu l-intenzjoni li din il-procedura tapplika ghal kull kaz bhal dak kien jipprovdi regolament generali, kif ghamel fil-kaz tal-tilwim li ghandu x'jaqsam mal-provista tal-elettriku u l-ilma u fejn ried jeskludi r-regolament qal espressament (regolament 1.3).* »

Bl-istess mod, permezz tas-sentenza taghha fl-ismijiet **Elmo Insurance Limited v. Kunsill Lokali Haz-Zabbar**, deciza wkoll mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Jannar, 2016, giet citata b'approvazzjoni decizjoni ta' dan it-Tribunal kif diversament presjedut fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited v. Roberto Borg et.** deciza fil-15 ta' Lulju, 2013 u fejn jinghad ukoll li:

*"Minn qari tal-gurisprudenza fuq riportata t-Tribunal jasal ghas-segwenti konklużjoni:*
*i. Il-kawza ta' l-incident awtomobilistiku x'kien? Meta inċident ikun sehh minhabba xi haġa li ma jkollhiex x'taqsam mas-sewqan, allura jkunu kompetenti l-Qrati Ordinarji. Il-kawza ta' l-incident ma jkunx is-sewqan u allura wiehed jista jghid li l-kawza ghal tali inċident ma hijiex relatata mas-sewqan.*
*ii. Il-kawza ta' l-incident awtomobilistiku x'kien? Meta inċident ikun sehh minhabba xi haġa relatat mas-sewqan, allura dak l-incident ikun relatat mas-sewqan u b'hekk ikun ic-Centru Malti ghall-Arbitragg li jkun kompetenti."*

It-Tribunal isib li f'dan il-kaz ukoll u in linea mal-kazistika hawn fuq citata, l-incident li wassal ghall-hsara lamentata mis-socjeta` attrici ma kienx wiehed li jirrigwardja tilwima dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur. L-incident kif deskritt kemm fir-rapport tal-Pulizija u kif ukoll mix-xhud Hadcroft u mix-xhieda okulari sehh meta l-vettura assikurata mis-socjeta` attrici kienet parkeggjata u waqghet fuqha fergha ta' sigra. Id-danni mitluba huma derivanti mill-fatt li l-fergha tas-sigra waqghet fuq vettura u mhux mis-sewqan ta'

xi vettura. Huwa ghaldaqstant car li t-Tribunal ghandu l-kompetenza necessarja *ratione materiae* sabiex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz u kwindi t-Tribunal qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Kunsill intimat.

Illi, fir-rigward tal-mertu, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li kaz pressokke` identiku ghal dak in ezami kien diga` sehh kif riportat fil-kawza fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited v. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta et**. (36/2016) deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 t'Ottubru, 2016. F'dak il-kaz ukoll kienet waqghet fergha ta' sigra – deskritta bhala sigra protetta - fi Triq il-Kwartier fuq il-Fortini, Birgu u kkawzat hsara fuq vettura ipparkjata. Hemmhekk ukoll gie eccepit il-kaz fortuwitu. L-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kienet iddecidiet dak ill-kaz billi sabet li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu jwiegeb ghall-hsara sofferta fuq il-vettura ipparkeggjata u dana wara li sabet is-segwenti:

> « *9. Il-fatt wahdu li waqa' zokk kbir mis-sigra m'huwiex prova li sehh kaz fortuwitu. Zkuk tas-sigar ma jaqghux minn sigra bla raguni. Hekk ukoll 'il fatt wahdu li dawn it-tip ta' incidenti m'humiex daqstant komuni, ma jfissirx li l-incident sehh minhabba kaz fortuwitu.*
>
> *10. Tania Belfiore, segretarju ezekuttiv tal-kunsill, xehedet: "Fil-passat, xi snin ilu, l-Kunsill xtaq jisbghor dawn is-sigar fl-istess akkwati stante li goffi, izda huwa prekluz milli taghmel hekk stante li huma sigar protetti. Il-Kunsill Lokali ghamel diversi talbiet izda ma hargu ebda permessi jew feedback." F'dan ir-rigward ma tressqux provi dokumentarji, u lanqas ma nghata taghrif dwar id-data meta suppost saret l-applikazzjoni. Lanqas m'hemm prova li l-Kunsill ha xi passi, jekk hu veru li l-permessi baqghu ma hargux. L-applikazzjoni li setghat saret ma tiskolpax lill-kunsill mir-responsabbilta. Il-Kunsill Lokali kellu d-dmir li jkun pro-attiv, jekk hemm*

*bzonn billi jiehu mizuri li jinkludu li jizola dawk il-partijiet li ghal fuqhom jesporgu l-frieghi tas-sigar li kellhom bzonn jinqatghu.*

*(...)*

*Jekk iz-zokk waqa' minn fuq is-sigra minhabba t-toqol tal-frieghi, iktar u iktar ghandu jwiegeb il-Kunsill ghall-hsara li saret fuq il-vettura ta' Ciantar. Hu essenzjali li sigar li hemm fit-toroq, minn zmien ghal zmien jigu ezaminati biex minnhom jitnehhew dawk il-partijiet li fihom hsara, jew li huma mejta, morda jew li minhabba d-daqs tal-frieghi jkunu ta' periklu. Sfortunatament f'pajjizna tonqos kultura ta' sahha u sigurta. Hu essenzjali li jigi ppjanat programm ta' spezzjoni li jassigura li s-sigar f'postijiet pubblici huma spezzjonati kemm hu necessarju. Spezzjoni li ghandha ssir minn persuni li jifhmu fil-qasam tas-sigar u dan ghandu jwassal biex isir risk assessment. Il-Kunsill kellu l-obbligu li jiehu passi ragonevoli biex inaqqas ir-riskji.*

*(...)*

*Hu proprju ghalhekk li hemm il-bzonn li minn zmien ghal zmien issir spezzjoni minn persuna li tifhem f'dan il-qasam, bhal arborist. Hu evidenti li fil-kaz in ezami dan l-ezercizzju ma kienx qieghed isir mill-Kunsill. Ghalhekk min-nuqqas tieghu stess il-Kunsill ma jistax jipprova jinheba wara l-kuncett ta' kaz fortuwitu. L-incident sehh mhux minhabba kaz fortuwitu izda minhabba li l- Kunsill baqa' passiv u ma kien qiegħed jagħmel l-ebda xogħol ta' manutenzjoni fis-sigar.* »

It-Tribunal ihoss illi l-principji enuncjati fl-estratt surreferit huma certament applikabbli ghall-kaz in ezami tenut kont li l-fattispeci tal-kaz in ezami huma pressokke` identici ghal dawk tal-kaz hawn fuq citat. Aktar minn hekk it-Tribunal ma jistax ma jiddeplorax il-fatt illi kaz bhal dan rega` sehh anke wara l-kliem pjuttost iebes uzat mill-Onor. Qorti tal-

Appell (Sede Inferjuri) fil-konfront tal-istess Kunsill Lokali intimat fejn gew enuncjati kjarament l-obbligi legali tal-istess Kunsill Lokali li ma jistax jibqa’ passiv anke fir-rigward tal-mera possibilita` li jsehhu dawn l-incidenti. Apparti l-fatt li s-Sindku Boxall baqa’ qatt ma ressaq dokumentazzjoni li tipprova dak allegat minnu u cioe` li qabbad lil terzi jwettqu xogholijiet fuq dawn is-sigar, *dato ma non concesso* li kien hemm xi forma ta’ arrangjament f’dan is-sens, kwalunkwe arrangjament ma jezonerax lill-Kunsill Lokali mill-obbligi tieghu skont il-ligi. Il-Kunsill Lokali ma jistax jippretendi li jehles mir-responsabilita` tieghu semplicement billi jiddeleghom lil terzi. Anke f’tali kaz, il-Kunsill Lokali jibqa’ responsabbli ghad-distrett tieghu u li jevita sitwazzjonijiet ta’ periklu mhux biss ghall-kostitwenti tieghu imma wkoll ghall-pubbliku in generali u l-proprjeta` relattiva. Zgur li mhux accettabbli li, kif nutat kemm mix-xhud Vincent Caruana u kif ukoll mill-istess Sindku, kien hemm ukoll kazijiet ohrajn fejn sigar waqghu bil-piz taghhom stess filwaqt li s-Segretarja tal-Kunsill Lokali, fuq mistoqsija tat-Tribunal, lanqas ma setghet twiegeb x’verifiki jsiru mill-Kunsill Lokali sabiex jigi determinat jekk kenux qed isiru dawn ix-xogholijiet kuntrattati. Il-posizzjoni proattiva mehtiega minnu titlob li l-Kunsill Lokali jibqa’ jara li dawn it-terzi jwettqu xogholhom kif kuntrattwalment pattwit u, fejn dan ma jkunx il-kaz, jara wkoll li jenforza tali arrangjamenti konkluzi minnu mat-terzi qabel ma jsehh incident li, kif nutat mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jista’ jkollu konsegwenzi serji mhux biss ghall-proprjeta` imma wkoll ghas-sahha u s-sigurta` tan-nies. Hekk ukoll, kif diga` nutat mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), anke jekk is-sigar huma protetti jispetta lill-Kunsill Lokali li jwettaq spezzjonijiet regolari u jizola z-zoni esposti ghall-perikolu. Jidher illi, fil-fatt, skont ix-xhieda tal-istess Sindku llum il-gurnata ma jistghux jipparkjaw vetturi taht dawn il-karozzi apparti li gie estiz ‘il barra c-cint ghal tali sigar. Aktar minn hekk ghandha tinghata debita kunsiderazzjoni, mhux biss bil-kliem imma b’azzjoni f’waqtha, ghall-fatt li fil-vicinanzi hemm ukoll skola.

Ulterjorment, kif diga` nutat minn dan it-Tribunal permezz tad-digriet tieghu datat 25 ta’ Jannar, 2017 ma jistax il-Kunsill Lokali validament jeccepixxi l-kaz fortuwitu u fl-istess nifs jipprova jitfa’ t-tort ghall-akkadut fuq terzi allegatament kuntrattati minnu.

Illi fir-rigward tal-*quantum* mitlub it-Tribunal isib li dan huwa gustifikat mid-dokumenti ezebiti mis-socjeta` attrici, senjatament is-*survey report* u l-ircevuti relattivi ezebiti a fol 14 et. seq. tal-process. Irrizulta wkoll mix-xhieda moghtija mis-*surveyor* Johann Triganza li ma gietx awtorizzata tiswija ghal hsara li giet deskritta bhala mhux kompatibbli mal-incident. Is-somma mitluba hija perdipiu` inqas mit-tiswija awtorizzata mill-istess *surveyor*.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Kunsill Lokali intimat, jichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet imressqin mill-istess Kunsill Lokali u jilqa' t-talba attrici billi filwaqt li jsib lill-Kunsill Lokali unikament responsabbli ghall-incident li sehh fi Triq San Edwardu, il-Birgu, fit-13 t'Ottubru, 2014, jikkundanna lill-istess Kunsill Lokali intimat ihallas is-somma mitluba ta' disa' mija tlieta u sebghin euro u sittax-il centezmu (€973.16) rapprezentanti d-danni kollha sofferti minn Philip Ronald Hadcroft, assikurat mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Limited bhala konsegwenza tal-istess incident bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar, 2016 u bl-imghax legali b'effett mill-ewwel interpellazzjoni legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess Kunsill Lokali intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**